

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-kompatibbiltà mas-suq intern (ġustifikazzjoni, Artikolu 107(3) TFUE)

- Fil-kuntest tat-tielet motiv, huwa allegat li l-eżenzjoni kompleta tal-konsumaturi ta' karga bażika tirrimedja perturbazzjoni serja tal-ħajja ekonomika fil-Ġermanja. B'mod partikolari, l-industriji li jikkonsmaw ħafna enerġija għandhom jibqgħu kompetitivi u għandha tiġi preku lu migrazzjoni barra mill-pajjiż.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-ordni ta' rkupru

- Fil-kuntest tar-raba' motiv, qed jiġi kkritikat il-fatt li l-irkupru ta' tariffa minima ugwali għal 20 % ta' tariffi ta' netwerks ippubblikati, b'riferiment għall-verzjoni tal-Artikolu 19(2) tas-StomNEV, fis-seħħ sat-3 ta' Awwissu 2011, huwa arbitrarju u jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
- Qed jiġi sostnun ukoll li hija biss id-determinazzjoni tat-tariffi tan-netwerk skont il-metodu ta' linja fiżika li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipji ta' kawjalitā kif ukoll il-ħlas ta' tariffi tan-netwerk raġonevoli u mhux diskriminatorji.
- L-ordni ta' rkupru tikser ukoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni sa fejn il-Kummissjoni ma għamlitx riferiment għas-sistema tranżitorja fl-Artikolu 32(3) tas-StomNEV.
- Fl-aħħar nett, huwa allegat li l-konsumaturi ta' karga bażika u utenti ta' netwerk mhux tipiċi fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 19(2) tas-StomNEV huma eszenzjalment differenti. Il-fatt li ż-żewġ gruppi ta' utenti tan-netwerk għandhom iħallsu tariffa minima ta' 20 % minkejja d-differenzi, ma huwiex oġġettivament iġġustifikat.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p 9).

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2018 – Briois vs Il-Parlament

(Kawża T-750/18)

(2019/C 82/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Steeve Briois (Hénin-Beaumont, Franza (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tnejħija tal-immunità ta' Steeve Briois (2018/2075 IMM) li tadotta r-rapport tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Ġudizzjarji A8-0349/2018;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 fuq il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Protokoll”), sa fejn il-kitba ta' S. Briois li tat lok għal proċeduri kriminali fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu tikkostitwixxi opinjoni espressa fl-eż-żejjix tal-funzjonijiet parlamentari tiegħu fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9 tal-Protokoll, sa fejn il-Parlament mar kontra kemm il-kliem kif ukoll l-ispirtu ta' din id-dispożizzjoni meta adotta d-deċiżjoni li jneħħi l-immunità ta' S. Briois u għalhekk ivvizzja din id-deċiżjoni b'nullità.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba.

Fl-ewwel lok, ir-rikorrent iqis li l-Parlament l-prinċipju ta' ugwaljanza fir-rigward tiegħu billi ttrattah b'mod differenti minn deputati li jinstabu f'sitwazzjonijiet paragħunabbli u b'dan il-mod, dan tal-aħħar, kiser ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba li jippreżżupponi l-obbligu li l-istituzzjoni kompetenti teżamina, bir-reqqa u imparzjalment, l-elementi kollha rilevanti tal-każ̄ inkwistjoni.

Fit-tieni lok, ir-rikorrent iqis li serje ta' indizji tippermetti li jiġi kkonstatat każ ta' *fumus persecutionis* fil-konfront tiegħu.

### Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2018 – ABLV Bank vs SRB

(Kawża T-758/18)

(2019/C 82/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: ABLV Bank AS (Riga, il-Latvja) (rappreżentanti: O. Behrends, M. Kirchner u L. Feddern, lawyers)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-BUR tas-17 ta' Ottubru 2018 sa fejn tirrigwarda lil ABLV Bank fir-rigward tar-rifut tal-BUR li jerġa jikkalkola u jħallas lura l-kontribuzzjonijiet *ex ante* ta' dan il-bank lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka għaxar motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR naqas milli jagħti importanza suffiċċenti lin-natura *pro rata temporis* tal-kontribuzzjonijiet lill-Fond.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR naqas milli jiħu inkunsiderazzjoni l-ammissjoni espliċita tiegħu stess li l-kontribuzzjonijiet lill-Fond għandhom jitħallsu lura fuq bażi *pro rata temporis*.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR naqas milli jiħu inkunsiderazzjoni l-ammissjoni espliċita fl-Artikolu 12 (1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/63 (¹) li jekk il-kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti għal parti mis-sena rilevanti jkunu dovuti biss pagamenti parżjali.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR b'mod żbaljat ibbażha ruħu fuq l-Artikolu 70(4) tar-Regolament 806/2014 (²).
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR ibbażha ruħu fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/63.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR kiser il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi.
7. Is-seba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità.